

# Agostinjani Bormliżi

minn Patri Mark Cauchi OSA

Il-Belt ta' Bormla minn dejjem kellha ulied li jagħmlulha isem, nies kbar f'kull qasam. Bormla kellha nies kbar li għamlulha isem: minn fost il-ġudikatura, l-avukat Carmelo Mifsud Bonnici u sensiela twila sal-lum; dawk fl-arkitettura Duminku Mintoff; mill-arti, pittura u skultura Abraham Gatt u oħrajn; mużika Paolino Vassallo; fil-mediċina l-Profs. Ellul; fl-istorja kellna lil Pietru Pawl Castagna; fil-qasam kummerċjali Farrugia li waqqaf il-Birrerija Farsons u oħrajn.

Fil-kamp politiku kellna Ministri u Prim Ministri. Jekk kien hemm Bormliżi kbar fl-oqsma li semmejna u oħrajn li ma ġewx quddiemi, Bormla ma naqsitx li tagħti s-sehem tagħha fil-Kleru kemm Djoċesan sew Regulari. Jien nismagħhom jgħidu li l-Arċisqof Dom Mauro Caruana kien jgħid: *Meta rrid naqta' xi warda, infittex minn fost il-Kleru Bormliż*. Kien u għad hawn reliġjużi Bormliżi minn kull Ordni: Dumnikani, Agostinjani, Franġiskani Konventwali, Minuri, Kappuċini, Karmelitani u Tereżjani kif ukoll f'xi Ordni li ma niftakarx. Fost dawn tal-aħħar niltaqgħu ma' dawk li ħaddnu l-Ordni Agostinjan. Dawn ma naqsux li jagħtu s-sehem tagħhom ta' ġieħ kemm għall-Ordni li ħaddnu kif ukoll għal Bormla li tathom il-ħajja, rabbiethom u ħejjiethom biex iħaddnu l-Ordni Agostinjan.

Ma rridx insemmi lil dawk l-Agostinjani Bormliżi li ftit taż-żmien ilu kienu magħna u llum qed jieħdu l-premju mistħoqq tal-ħidma tagħhom kemm bħala reliġjużi sew bħala saċerdoti matul ħajjithom. Lil dawn, speċjalment ta' dan l-aħħar kulħadd jafhom. Fosthom hemm Patri Ewġenju Fiteni li xi darba minn ħajtu rajtu għax għex dejjem fl-Istati Uniti tal-Amerika, Patri Bonaventura Chetcuti li kważi ħajtu kollha għaddiha fl-Afrika u Sqallija, lil Patri Kristjan Cini li ngħata għall-predikazzjoni u t-tagħlim, u lil Patri Valerju Bonello. Mingħajr ma nonqos lejhom, inħallihom għall-memorja tagħkom biex tiftakru lilhom u dak kollu li wettqu. Se nagħti xi ħjiel ta' dawk l-Agostinjani Bormliżi li ltqajt magħhom fit-tiftix tiegħi. Barra minn dawn jinsabu oħrajn li jiem ma ltqajtx magħhom. Fost dawk li ġew quddiemi kienu:

## Il-Baċċillier Patri Nikola Penun

Il-Baċċillier Patri Nikola Penun twieled f'Bormla, iben Indri Penun u Anna. Ingħaqad mal-Agostinjani fil-Monasteru ta' San Mark ir-Rabat, Malta nhar il-21 ta' Awwissu 1762.

Kif jingħad li l-ewwel żminijiet ta' Nikola Marija kien fervoruż ħafna. Wara li spiċċa l-Curriculum tal-istudji tiegħu ġie ordnat Saċerdot u mimli ħerqa ġie mibgħut fil-kunvent tal-Għira t'Għawdex fir-Rabat. F'Ottubru 1722 kien ipprietka fis-Solennità li kien issir

fil-Festa tal-Madonna tal-Bon Kunsill.

Fis-sena 1773 il-Ġeneral tal-Agostinjani, ir-Revmu. Franġisk Vasquez għamlu Vigarju Pirjol tal-Monasteru ta' San Mark ir-Rabat. Fir-Rabat jingħad li kien predikatur imfittex tant li pprietka fil-festi kollha minflok il-Baċċilier P. De Bonis.

Fis-sena 1777 kien ukoll pirjol tal-Monasteru ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta.



**Patri Majjistru Ġwann Battista Grimauld**



Il-Majjistru Patri Ġwann Battista Grimauld twieled f'Bormla. Ingħaqad mal-Agostinjani f'età żgħira. Wera intelliġenza mhux komuni. Fis-sena 1772, is-Superjuri tiegħu fdawlu uffiċċji kemm fil-kunvent ta' Għawdex kif ukoll fil-Monasteru tal-Belt Valletta.

Fil-Kapitlu Provinċjali li sar f'Regalbuto, Sqallija fis-sena 1777 sar Pirjol fil-Kunvent t'Għawdex mill-Provinċjal il-Majjistri Patri Gejtanu Garrasi, Kataniż li wara sar Arċisqof ta' Messina. Ta' min ikun jaf li Mons. Garrasi fil-Provinċjalat tiegħu għamel ħafna ġid lill-Agostinjani Maltin. B'rieħtu tkompla l-bini tal-Knisja ta' Santu Wistin fil-Belt. Meta kien Arċisqof ta' Messina, iltaqa' ma' Kappuċċini li kienu ġejjin Malta u bagħat magħhom erba' kalċijiet lill-Agostinjani tar-Rabat, billi l-Franċiżi kienu ħadulhom kollox.

Fis-sena 1779 meta r-Rev. mu. Patri Stiefnu Bellesini kien Ġeneral, il-Kunventi ta' Malta saru Provinċja taħt il-Majjistru Patri Vinċenz They, Patri Grimaud sar Segretarju tal-Provinċjal u Soċju. Il-majjistru Grimaud miet fi żmien l-okkupazzjoni Franċiża nhar l-1 t'April 1798, il-Belt Valletta, probabbilment għand ħuh għax il-kunvent kien meħud mill-Franċiżi. Il-funeral tiegħu wkoll tħallas minn ħuh li kien donat tal-Kavallieri fil-knisja tal-Karmelitani, il-Belt fejn ġie wkoll midfun. Meta reġgħet ingħatat il-Knisja ta' Santu Wistin lill-Agostinjani, il-fdalijiet tal-Majjistri Grimaud ġew ittrasportati fil-Knisja ta' Santu Wistin fejn sarlu funeral solenni u ġie midfun fil-Kannierja tal-istess knisja, li kienet tbierket mill-Majjistru Patri Pietru Pawl Laferla.

**Fra Salvatore Zahra**

Fra Salvatore Zahra aktarx li twieled f'Bormla fis-sena 1796. Il-ġenituri tiegħu kienu Feliċjan u Marija. B'dispensa Pontifiċja beda s-sena tan-Novizzjat fl-20 ta' Ġunju

1838 fil-Monasteru ta' Santu Wistin il-Belt Valletta. Is-Surmast tiegħu kien il-Majjistru Patri Gejtanu Cauchi. Huwa għamel il-professjoni solenni tiegħu nhar l-20 ta' Ġunju 1839. Miet nhar it-23 ta' Ottubru 1858.



**Patri Baċċillier Vinċenz Baldacchino**

Patri Vinċenz Baldacchino twieled f'Bormla nhar it-3 ta' Diċembru 1813. Il-ġenituri tiegħu kienu Vinċenzu u Rosaria D'Antonio. Meta kien żgħir wera tjubija. Ingħaqad mal-Agostinjani meta beda s-sena tan-Novizzjat fl-20 t'April 1834.

Sena wara l-Patrijiet Kapitulari għaqqduh mal-Familja tal-Monasteru ta' San Mark, fir-Rabat Malta.

Fis-sena 1838 temm l-istudji teoloġiċi tiegħu u ġie ordnat Saċerdot fl-istess sena.

Mis-sena 1843 sal-1850 kien sagristan maġġur fil-Kunvent ta' Santu Wistin, ir-Rabat Għawdex.

Huwa miet fl-età żgħira ta' 47 sena nhar is-16 t'Ottubru 1850.

**Patri Baċċillier Ġwann Battista Cilia**

Il-Baċċillier Ġwann Battista Cilia twieled f'Bormla fis-sena 1815. Kien l-iben ta' Franġisku u Teodora mwielda Cauchi. Għex f'Bormla sakemm ingħaqad mal-Agostinjani nhar is-7 ta' Novembru 1830. Għamel il-professjoni solenni tal-Voti Mqaddsa nhar id-19 ta' Diċembru 1931. Ta' min jinnota li dak iż-żmien ma kinux jagħmlu l-Professjoni Sempliċi Temporanja.

Fis-sena 1839, spiċċa mill-istudji filosofiċi – teoloġiċi u ġie ordnat saċerdot. Kien predikatur ta' fama. Fis-sena 1852 sa April tas-sena 1856, kien il-Pirjol tal-Monasteru ta' San Mark fir-Rabat Malta. Huwa reġa' ġie elett Pirjol nhar il-25 ta' Jannar 1857 sa Ġunju tal-1877. Fid-29 ta' Jannar 1879, talab ir-riżenja mill-uffiċċju tiegħu minħabba l-mard u ġie sostitwiet minn Patri Ġwanni M. Camilleri (aktar tard Provinċjal u Isqof t'Għawdex).

**Patri Vinċenz Attard**

Patri Vinċenz Attard twieled f'Bormla nhar it-22 ta' Awwissu 1843. Fis-sena 1862 ingħaqad mal-Agostinjani u għamel is-sena tan-Novizzjat. Fit-8 ta' Frar 1865 għamel il-wegħdiet solenni u beda l-istudji Filosofiċi – Teoloġiċi u l-Elokwenza, fil-kulleġġ ta' San Mark fir-Rabat, Malta.

Kien predikatur imfittex. Kellu karattru twajjeb u ħelu. Qeda l-uffiċċji ta' Sagristan, Ċerimonier u Direttur tal-Kor. Fil-Kapitlu Provinċjali tal-1886, ġie elett Pirjol fil-Monasteru ta' Santu Wistin il-Belt Valletta.

Miet fil-11 ta' Frar 1893 fid-9.30 ta' filgħaxija. Jingħad li kien devot kbir tal-Immakulata u miet ifaħħar lill-Madonna taħt dan it-titlu.